**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**Spettur Wayne Camilleri**

**Spettur Matthew Galea**

**vs**

**Awed Ahmed Tariq**

**Omissis**

**Distrett Hamrun**

**Illum 8 ta' Lulju, 2020**

Il-Qorti,

Rat lil Awed Ahmed Tariq u detentur tad-dokument bin-numru 18K059; u

Omissis

Akkuzati talli nhar it-18 ta' Jannar, 2020, f'xi hinijiet bejn nofsinhar (12:00 hrs) u t-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15:30 hrs) minn gewwa Triq an Tumas, Hamrun;

1. Ikkommettew serq minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru tar-registrazzjoni RMJ 025, li kienet ipparkjata fl-imsemmija tirq, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa;

Il-Qorti hija gentilment mitluba f'kaz ta' htija tqis lill-omissis u lil Awed Ahmed Tariq bhala recidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija fil-konfront taghhom mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif stabbilit fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija minbarra li taghti l-piena stabbilita mill-ligi tiddikjara lill-imputati bhala immigrant pprojbiti u tohrog l-ordni ta' tnehhija kontra taghhom.

Skond l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioè dettalji personali tal-imputat immarkat bhala Dok CG1, dettalji personali ta' omissis immarkat bhala Dok CG2, fedina penali tal-imputat immarkat bhala Dok CG3, fedina penali ta' omissis immarkat bhala Dok CG4, current incident report immarkat bhala CG5, stqarrija tal-imputat immarkat bhala Dok CG6, stqarrija ta' omissis immarkat bhala Dok CG7, vera kopja ta' sentenza datata 17 ta' Lulju, 2019 immarakta bhala Dok CG8, envelope kontenenti CCTV footage immarkat bhala Dok MG1; stqarriija tal-imputat immarkat bhala Dok MG2; kopja ta' nota ai termini tal-Artikolu 355AJ tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mmarkat bhala Dok MG3; stqarrija ta' omissis immarkat bhala Dok POL1;

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' Spettur Matthew Galea, Mary Borg, PC 1175 Rodrick Borg, Paul Borg,

**Ikkunsidrat:**

**Spettur Matthew Galea,** jispjega li fit-22 ta' Jannar, 2020 ghal habta tas-7:15 p.m. giet infurmat minn WPS 145 Graziella Zammit illi PC 1775 flimkien mal-pulizija tal-Ghassa tal-Hamrun, arrestaw zewg persuni, u cioe' lil omissis u lill-imputat. L-arrest kien fuq suspett illi fit-18 ta' Jannar, 2020 kienu serqu pouch minn vettura Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni RMJ 025, liema vettura kienet ipparkjata fi Triq San Tumas, il-Hamrun ghad-dannu ta' Mary Borg. L-Ispettur Matthew Galea ordna li kopja ta' CCTV footage jghaddi f'idejn il-pulizija. Huwa kien ha stqarrija ta' omissis li ddecieda li ammetta ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. L-imputat mill-banda l-ohra ghazel li jikkonsulta ma Avukat u ghazel li jinnega l-involviment tieghu f'din is-serqa. L-Ispettur Matthew Galea jispjega li fis-CCTV huwa gharaf lill-omissis li deher jiftah il-karozza ta' lewn orangjo mill-bieba tax-xellug ta' wara u jiehu pouch, mentri l-imputat deher javvicina lill-omissis u joffrilu sigarett.

**Spettur Wayne Camilleri**, jghid li fit-18 ta' Jannar, 2020 huwa kien l-Ispettur tal-Ghassa u kien gie nfurmat li kien hemm serqa minn vettura, bejn 12:00 p.m. u t-3:30 p.m. Kien gie nfurmat mill-Ispettur Matthew Galea li kellu zewg suspettati arrestati. Fit-23 ta' Jannar, 2020 huwa beda jezamina s-CCTV footage fejn seta' jara z-zewg suspettati li seta' jgharaf anke fl-awla. Huwa kien prezenti ghall-istqarrija li ha lill-imputat. Il-karozza ma kellha l-ebda hsara. Jikkonferma li huwa gharaf lill-imputat mis-CCTV footage li huwa ra.

**Mary Borg**, tghid li fit-18 ta' Jannar, 2020 kif waslet id-dar, rat ragel li kien se jghotor u marret taghti l-assistenza taghha u dahlitu d-dar. Sakemm dahlitu d-dar, insiet il-portmoni fil-karozza u kif regghet marret ghal portmoni, ma sabitux fil-karozza. Il-karozza taghha hija Toyota Yaris tal-kulur tad-deheb liema karozza kienet ipparkjata

l-Hamrun. Fil-portmoni kien hemm il-karta tal-identita' taghha, cashlink u licenzja tal-karozza.

**PC 1175 Rodrick Borg**, jispjega li Mary Borg hija ommu u hu kien ghadda CCTV footage lill-Pulizija. Meta raw min kienu s-suspettati, hu flimkien ma Pulizija ohra bdew jitilghu l-Hamrun sabiex forsi jinzertaw lil dawn iz-zewg suspettati. Jghid li fit-22 ta' Jannar ra zewg persuni li huwa kien gharaf fil-filmat fejn ra Pulizija iehor u marru jarrestawhom flimkien. Huwa kkonferma li l-filmat tas-CCTV kien gie mghoddi lilhu minn huh u kien gharaf lill-imputat bhala wiehed minn dawn il-persuni li kienu serqu mill-vettura t'ommu. Huwa spjega li skont il-filmat li kien ra, l-imputat ha sigarett minn ghand il-persuna l-ohra. Illi mill-fatti qal li rahom flimkien il-Hamrun kif ukoll li skont hu wiccu deher car daqs il-kristall. Illi skont l-istess xhud qal li ma tistax toqghod fuq fattur wiehed u l-persuna l-ohra ammettiet li l-imputat odjern kien mieghu meta serqu.

**Paul Borg** ikkonferma li ommu u cioe' Mary Borg kienu serqulha pouch minn gewwa l-vettura taghha. Spjega wkoll li huwa ghandu CCTV fuq il-bieb tar-residenza taghhom u kien ha filmat fejn turi kif persuna dahlet fil-vettura u hadet il-pouch minn gewwa fiha. Illi l-filmat tas-CCTV ghaddieh il-Pulizija fejn qal li wara li persuna minnhom hadet il-handbag, iz-zewg persuni telqu lejn Triq il-Kbira San Guzepp. Illi skont ma qal dan ix-xhud huwa gharaf lill-imputat bhala l-persuna li hadet is-sigarett kif jidher mill-filmat. Huwa kompla jghid in kontro-ezami jekk kenitx hija l-istess persuna qal li la jista iva u lanqas le pero l-istess skont il-filmat.

**L-Ispettur Roderick Attard** xehed fejn ikkonferma sentenzi li gew esebiet a fol 20 et seq fejn gharaf lill-imputat minhabba li huwa kien l-ufficjal prosekutur li kien resqu l-Qorti fis-17 ta' Lulju 2019.

**Stephen Cachia** bhala rapprezentant ta' Transport Malta ikkonferma li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni RMJ025 hija registrata fuq Mary Borg.

**Donald Tabone** prezenta r-relazzjoni tieghu rigward ir-rapport li hejja wara l-inkarigu li kellu sabiex jaghmel *stills* mid-dokument MG1.

**Isam Eldin Muhammed** xehed fejn l-ufficjal prosekutur urieh l-istqarrija li huwa kien ghamel mal-Pulizija u ghalkemm ikkonferma li ma kienx jaf jaqra gharaf il-firma tieghu u ikkonferma dak li kien hemm. In kontro-ezami qal li l-ispettur kien qallu fuq serqa u ghalkemm kien ammetta ghal din is-serqa sostna li ma kellu x'jaqsam xejn. Illi minn naha l-ohra qal li l-imputat odjern ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan il-kaz u kien qieghed jigi mizmum ghalxejn il-habs.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz kellu l-bidu tieghu meta membru tal-Pulizija u cioe' PC 1175 Borg kien qieghed vicin l-ghassa tal-Pulizija gewwa l-Hamrun u nnota zewg persuni li setghu kienu nvoluti f'serqa ta' pouch li kien fih xi flus minn gewwa vettura. Illi Mary Borg li hija l-vittma ta' din is-serqa kienet halliet il-vettura taghha miftugha u bir-rizultat li persuna fethet u dahlet fil-vettura u hadet dan il-pouch. Illi mill-investigazzjoni tal-Pulizija, hareg li kien hemm CCTV installata mar-residenza ta' Mary Borg u f'dan il-filmat tidher persuna li qieghda tiftah il-bibien ta' din il-vettura u tidhol mill-bieba ta' wara u tiehu xi oggett minn hemm. Illi ghandu jinghad li apparti l-imputat odjern kienet tresqet persuna ohra fuq dan il-kaz u ammettiet l-akkuzi fil-konfront taghha.

**Provi**

<u>L-istqarrija tal-Imputat</u>

Illi mill-istqarrija tal-imputat hareg li huwa nnega kollox fl-involviment tieghu fejn baqa' jinsisti li huwa ma' ghamel xejn u ma kienx involut f'din is-serqa. Illi ghalhekk din l-istqarrija ma jistax ikollha dik il-prova probatorja sabiex twassal ghal sejbien ta' htija tal-imputat.

<u>Ix-Xhieda</u>

Illi mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni l-aktar persuna li jista' jaghti hjiel dwar l-involviment tal-imputat kien PC 1175 Borg. Illi mix-xiehda tieghu li tinstab a fol 53 semma li huwa kien gharaf dawn iz-zewg persuni li kienu involuti fis-serqa tal-pouch ta' ommu. Illi huwa kien talab l-ghajnuna ta' Pulizija sabiex jarrestaw lil dawn iz-zewg persuni. Illi skont ix-xiehda tieghu qal li kien gharafhom mill-filmat li kien ra fis-CCTV. Illi dan il-filmat li fil-fatt gie esebiet kien gie mghoddi lilhu minn huh. In kontro-ezami huwa kkonferma li kien gharaf lill-imputat meta rah ghaddej u waqaf hdejn persuna ohra li fethet il-bieba tal-karozza. Illi fil-verzjoni tieghu (a fol 54) semma li wicc l-imputat jidher car daqs il-kristall skont kif hemm fil-filmat.

<u>CCTV</u>

Illi prova ohra mressqa mill-prosekuzzjoni kien hemm filmat mehud minn CCTV li kienet imwahhla ezatt fuq il-bieb tar-residenza ta' Mary Borg. Illi fil-fatt il-Qorti kienet hatret espert sabiex jiehu *stills* minn dan il-filmat. Illi ta' min jinnota li dan il-filmat mhux mehud dirett mis-sistema tar-recording tal-istess CCTV izda xi hadd uza xi apparat iehor biex ha filmat tal-filmat. Illi sont ix-xiehda ta' PC 1175 Borg, semma li dan il-filmat kien gie mghoti lilhu minn huh, certu Paul Borg, li fil-fatt kien ikkonferma li kien ha l-filmat u ghaddieh lill-Pulizija. Illi ghandu jinghad li ma giex elevat il-filmat propja mis-sistema tas-CCTV izda gie esebiet biss il-filmat mehud minn l-iscreen tas-sistema. Illi skont ma' jidher fil-filmat, persuna li kellha barnuza jew *hood* fuq rasha qieghda ddur mal-istess vettura u fethet kemm quddiem u wara sakemm dahlet gewwa u hadet oggett minn gewwa fiha. Illi din il-Qorti rat dan il-filmat u ma hemm ebda hjiel min seta' kienet dik il-persuna li kienet libsa *hood* fuq rasha. Illi fil-fatt jidher ukoll li persuna ohra tersaq lejn din il-persuna bil-*hood* f'rasha u tghaddi sigarett izda f'ebda moment din it-tieni persuna pruvat tiftah il-bibien tal-istess vettura.

## Ikkunsidrat

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost

evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati ta' l-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** il-Qorti, spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet kunfliggenti. Illi jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera. Jekk il-Qorti tkun moralment konvinta li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li taccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura tiddikjara tali htija u tghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fuq l-insejament ta' dak li ntqal hawn fuq il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

### Ikkunsidrat

Illi skont ix-xiehda mghotija minn PC 1175 Borg huwa semma li kien gharaf iz-zewg persuni bhala dawk li kienu responsabbli ghas-serqa tal-pouch mill-vettura ta' ommu. Dan kien gharafhom skont hu mill-filmat tas-CCTV li hemm installat fir-residenza ta' ommu. L-istess haga inghad minn huh u cioe' Paul Borg li skont hu kien gharaf lill-imputat mill-filmat.

Illi din il-Qorti rat il-filmat li gie esebiet u anki hatret espert sabiex jaghmel stills mehuda minn dan il-filmat. Illi minn dak li jidher fl-istess filmat, tidher b'mod car persuna li hija libsa *hood* fuq rasha, tiftah il-vettura. Illi minn dak li deher ma hemm xejn li jista' jaghti ndikazzjoni li kien l-imputat li fetah din il-vettura u ha l-oggetti in kwistjoni. Illi f'ebda hin ma jidher wiccu u allura ma tistax tasal ghal konkluzjoni li dik il-persuna li libsa l-hood kien l-imputat.

Illi ghalhekk jibqa' it-tieni persuna li skont dan ix-xhud u cioe' PC 1175 jghid li kien involut ukoll fis-serqa u li kien gharfu mill-filmat. Illi pero fl-istess filmat jidher li hemm persuna ohra li tavvicina lil din il-persuna libsa l-*hood*. Illi pero fil-filmat jidher biss li qieghed jiehu sigarett u jibqa' ghaddej. Illi f'ebda hin ma jidher li prova jiftah il-vettura ta' Mary Borg. Illi l-unika persuna li ha l-oggetti kien biss dik il-persuna libsa l-hood. Illi lanqas jista' jinghad li l-wicc tal-persuna kienet tant car li jista' jintgharaf li kien l-imputat. Illi mill-filmat ma jistax jinghad li kien l-imputat. Illi minn naha l-ohra ghandu jinghad li l-filmat propja tas-CCTV ma giex esebiet izda tressqet biss bhala prova filmat tal-filmat mehud minn Paul Borg b'xi apparat sabiex jigbed filmat minhabba l-fatt li l-filmat originali ma giex elevat mill-Pulizija.

Illi kemm Paul Borg u PC 1175 Borg qalu li li l-imputat deher car daqs il-kristall fil-filmat u kien ghalhekk li kienu gharfuh. Illi ghalkemm il-Qorti rat kemm l-istills kif ukoll anki il-filmat ma tistax taqbel mal-ahwa Borg li dik il-persuna kienet turi li kien l-imputat u ma taqbilx mal-fatt li kien car daqs il-kristall. Illi anki l-istess filmat ma juri xejn li din it-tieni persuna taghmel xi att mal-persuna l-ohra li kienet libsa l-*hood* u ghalhekk f'dan l-istadju ma tarx din il-Qorti kien hemm xi haga li titfa htija fuq il-persuna u cioe' l-imputat li seta' kkommetta xi reat. Huwa minnhu li din it-tieni persuna waqfet u hadet sigarett minn ghand il-persuna li libsa l-*hood* izda tidher minn dak l-angolu tal-filmat li tibqa' sejra u mhux qaghdet tipprova tiftah jew addirittura li kienet ghassa. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dak li qalu l-istess zewg xhieda li kien l-imputat fil-filmat u lanqas jekk fil-fatt kien l-istess imputat ma hemm xejn li jindika li kien involut.

<u>L-Istqarrija tal-ko-imputat</u>

Illi l-prosekuzzjoni esebiet l-istqarrija tal-ko-imputat Muhamed Isam Elden li gie kkonfermat li kien ammetta l-akkuzi kontra tieghu u ghalhekk il-kaz tieghu gie *res judic*ata u dan wara li kien ghadda z-zmien ghal xi appell. L-artikolu 658 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa pjuttost car fir-regoli li jistabbilixxi dwar meta u fejn stqarrija ta' persuna li jkun ghamilha sservi bhala prova kontra jew favur tieghu.

Dak li hemm fl-Artikolu 636 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u anke minn gurisprudenza tal-Qrati taghna juru fejn ix-xhieda tal-ko-imputat jista' jkun kompetenti li jixhed kontra xi hadd. Illi minn dak li qal Muhamed Isam Elden li huwa kien tressaq ghall-istess akkuzi fejn kien ammetta u l-kaz gie deciz. Illi ghalhekk dan ix-xhud jitqies li kompetenti li jixhed fil-konfront ta' ko-imputat gialadarba l-kaz tieghu huwa deciz.

Il-Qrati taghna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruhhom fuq dan il-principju f'diversi kazijiet. Din ir-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-imputat iehor hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament (ara l-kaz "**Il-Pulizija vs Joseph Grech et**." deciza nhar id-19 ta' Ottubru, 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Onor. Mag. Dr. N. Camilleri).

Il-Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar is-16 ta' Novembru, 2006 per Onor. Imhallef J. Galea Debono fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut**" spjegat li:

> *"Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza hemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "koakkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."*

Il-Qorti tfakkar f'Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali fejn hemm imnizzel li *"Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."* F'dan l-isfond u fid-dawl tal-fatt li l-kaz ta' Muhamed Isam Elden gie deciz allura skont il-gurisprudenza huwa xhud ammissibli izda dak kollu li qal tippregudika lilhu fl-istqarrija li jkun ghamel u mhux kontra terzi u cioe' li f'dan il-kaz l-imputat odjern.

Illi fl-isfond ta' dak li ntqal, l-istqarrija bil-miktub li saret minn Muhamed Isam Elden, il-Qorti taghmel referenza ghal kaz fl-ismijiet ir-**Repubblika ta' Malta vs Cikku Attard** deciza fil-31 ta' Lulju 1990 fejn qalet hekk:

> *"Bhala massima stqarrijiet ta' xhieda m'ghandhomx ikunu ammessi aprioristikament bhala prova peres li ma jistghux jissostitwixxu x-xhieda viva-voce tad-dikjarant. Il-parti li ggib ix-xhud ma tistax tattakka l-kredibilita' tieghu bi prova ta' kondotta hazina tieghu, izda hija tista' tikkontradicih bi prova ohra u tista' ukoll tipprova li f'okkazzjonijiet ohra huwa kien ghamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xhieda li jkun qieghed jaghti u dan purche li jigu osservati l-modalitajiet impost bl-artikolu 586 tal-Kap 12."*

Illi minn dan il-bran ta' din is-sentenza johrog bic-car li l-istqarrija ta' xhud m'ghandhiex valur probatorju wahedha izda ghandha tigi uzata fic-cirkostanzi biex tikkontrolla x-xhud fix-xiehda tieghu. Illi fl-isfond ta' din il-parti tas-sentenza li persuna sabiex tkun ammissibli f'dak li qalet trid tixhed b'mod *viva-voce.* Illi f'dan il-kaz l-ufficjal prosekutur kull ma' ghamel huwa li esebixxa l-istqarrija tax-xhud u staqsieh biex jikkonferma l-kontenut. Illi f'dan il-kaz ma saru l-ebda domandi fuq il-kaz in kwistjoni dwar l-involviment tal-imputat qabel ma' staqsieh fuq l-istqarrija.

In oltre ta' min jinnota li x-xhud Muhamed Isam Elden iddikjara li ma kienx jaf jaqra u ghalhekk lanqas hawn ma seta' jikkonferma dak li kien hemm miktub f'dan id-dokument u cioe' l-istqarrija tieghu li giet esebita. Illi fil-fatt minn dak li ghamel l-ufficjal prosekutur kien li staqsieh dwar x'kien hemm f'dan id-dokument (ara xiehda a fol 103). Illi f'ebda hin ma staqsa fuq il-kaz u dwar l-involviment tal-imputat. Illi l-validita' ta' dik l-istqarrija li kien ghamel Muhamed Isam Elden kienet isservi sabiex tikkontrolla l-kredibilita' tieghu meta jigi biex jixhed fuq il-kaz. Illi ma' dak li ntqal fis-sentenza hawn fuq kwotata, jidher bic-car li l-uzu ta' din l-istqarrija kienet biss biex tikkontradici dak li seta' jkun qal u mhux biex jikkonferma l-kontenut tieghu.

Illi johrog ukoll mill-ezami tax-xiehda tal-istess xhud, li huwa semma b'mod car li l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn mal-kaz in kwistjoni. Illi se mai kien ikun hawn li l-ufficjal prosekutur kien juza dik l-istqarrija sabiex jurih x'ikun iddikjara u tigi esbieta fil-process biex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi dwar il-kredibilita' ta' dan ix-xhud. Illi pero f'dan il-kaz ma sarx hekk u ghalhekk hemm xiehda *viva-voce* li tghid li l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn waqt li fi stqarrija maghmula minn dan l-istess xhud (ghalkemm il-konfessjoni hija prova kontra ghal min jaghmilha u mhux ta' pregudizzju ghal haddiehor) hemm fatti ohrajn izda dawn ma gewx mistharga mill-ufficjal prosekutur dwar il-kredibilita' ta' dan ix-xhud. Illi fil-fatt dan ix-xhud qal li l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn u kien ikun hawn li se mai jigi mistoqsi dwar dak li kien qal u konfrontat bl-istqarrija, izda din ma saritx.

**Decide**

**Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tieghu u, ghalhekk, fuq nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imputat Awed Ahmed Tariq hati u tilliberah minn kull htija u piena.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**